# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' NOVEMBRU 2001**

**Avviz Nru 979/00DM**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**Vs**

**Emmanuel Zahra**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' disa mitt lira (Lm900) rappresentanti import ta' disgha (9) kambjali ta' Lm100 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 1999 sa Lulju 2000 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax kummercjali mill-iskadenza tal-kambjali li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal Lm24 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tal-15 ta' Dicembru 2000 fejn il-konvenut ikkontesta t-talba u ddikjara li ser jipprezenta l-eccezzjonijiet formali fi zmien hmistax il-jum.

Rat il-verbal tal-21 ta' Marzu 2001 fejn il-konvenut iddikjara li l-eccezzjonijiet tieghu jirrigwardaw in-nullita fil-girati tal-kambjali u n-nullita tal-kambjali minhabba difetti fil-forma.

Rat id-digriet tat-23 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti laqat it-talba ta' Dr Christopher Vella sabiex jirtira l-kambjalijiet numerati 1 u 2 esebiti a fol 2 u 3 tal-process sabiex jirriduci t-talba tieghu bil-valur komplessiv taghhom.

Rat in-nota tar-riduzzjoni tas-socjeta attrici pprezentata fit-23 ta' Mejju 200 fejn is-sorte gie ridott ghas-somma ta' Lm700 (sebgha mitt lira Maltin)

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat  l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm il-konvenut jikkontesta t-talba tal-atturi u iddikjara li ser jipprezenta l-eccezzjonijiet formali, huwa baqgha ma pprezentax dawn l-eccezzjonijiet u specifika biss f'seduta tal-21 ta' Marzu 2001 illi huwa kien qieghed jeccepixxi n-nullita tal-girati tal-kambjali kif ukoll in-nullita tal-istess kambjali minhabba diffetti fil-forma.

Billi ma gewx prezentati l-eccezzjonijiet formali u lanqas ma gew ipprezentati noti ta' sottomissjonijiet ma giex specifikat ezattament x'kienu id-difetti u fil-forma u fil-girati tal-istess kambjali.

Jirrizulta biss illi l-atturi irtiraw il-kambjaliet enumerati 1 u 2 prezumibilment minhabba li kellhom xi difett fil-forma u irruducew it-talba taghhom mis-somma ta' Lm900 (disa' mitt lira Maltin) ghas-somma ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltin).

Ghalkemm il-Qorti ezaminat il-kambjali esebiti ghal xi difetti fil-forma jew xi difetti f'xi girata ma setghax tirriskontra xi difetti, setghet tirriskontra biss illi xi korrezzjonijiet fil-girati ma kienux inizjalati mill-firmatarji.

Kien jispetta ghalhekk lill-konvenut illi jasal ghal prova illi dawk il-korrezzjonijiet ma kienux skond l-intenzjonijiet tal-partijiet li hadu sehem attiv fit-transazzjoni tal-girata u li ghalhekk dak li jidher fuq il-kambjali ma kienx jirrispekkja l-intenzjonijiet tal-istess partijiet.

Fin-nuqqas ta' ebda prova  l-Qorti ghalhekk issib illi l-kambjalijiet esebiti u li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu l-attur huma kambjalijiet validi kemm fil-girati kif ukoll fil-forma u ghaldaqstant qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' Lm700 (seba mitt lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Lulju 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg.

Civil 25